MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 33/2004/1

**X**

**vs**

**L-AVUKAT ĠENERALI u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' Ottubru, 2004, li bih ġie mill-parti rikorrenti premess;

1. Illi l-esponent twieled fil-(omissis) u ġie rreġistrat fiċ-ċertifikat tat-twelid bl-isem ta' (omissis) ta' sess maskili kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid (Dok. A).

2. Illi minn ċkunitu, l-esponent kellu inklinazzjonijiet, atteġġjamenti u orjentamenti femminili, kemm psikoloġikament kif ukoll esternament.

3. Illi sabiex jeħles mill-konflitti interni għar-rigward tal-personalitajiet tiegħu, l-esponent issottometta ruħu għall-operazzjoni kirurġika magħrufa bħala “gender reassignment” u b’hekk assuma s-sess femminili, kif jirriżulta mill-anness ċertifikat mediku (Dok B).

4. Illi ben konxju tal-fatt li llum la darba l-istat ċivili tiegħu ta’ raġel ma jikkorrispondix għall-personalita’ tiegħu, effettivament, l-esponent talab lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid, iżda din ġiet miċħuda.

5. Illi dan ir-rifjut flimkien mal-fatt li l-Liġi Maltija ma tipprovdix għall-eżiġenzi tat-transesswali, tikkrea problemi kemm emozzjonali kif ukoll ġuridiċi għall-esponent, li jammontaw għal vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu li jgawdi l-ħajja privata tiegħu protett mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Bl-ispejjeż.

Intalab għalhekk li din il-Qorti jogħġobha :

(i) tiddikjara li ċ-ċaħda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel il-korrezzjonijiet mitluba fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, flimkien mal-fatt li l-Liġi Maltija ma tipprovdiex għall-eżiġenzi transesswali, u ma tirrikonoxxihomx, għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi, bħala persuni tas-sess akkwistat wara l-operazzjoni tal-“gender reassignment”, u ma tagħtihomx id-drittijiet kollha illi l-Liġi tagħti lil persuni mwielda b’dak is-sess jikkostitwixxu ksur ta’ l-Artikoli 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem; u

(ii) Taghtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta’ dawn id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tordna li fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu jiġi mibdul is-sess ta’ l-esponent għall-femminil u li ismu jiġi rreġistrat bħala (omissis) minflok (omissis);

Rat iż-żewġ (2) dokumenti mehmużin mal-istess Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta'Ottubru, 2004, li bih appuntat il-kawża għas-smigħ għall-20 ta' Ottubru, 2004;

Rat ir-rikors imressaq mir-rikorrenti fil-5 ta' Ottubru, 2004[1], li bih u għar-raġunijiet fih imsemmija ntalab li l-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni tal-proċeduri ta' dan ir-Rikors;

Rat it-Tweġiba mressqa fid-19 ta' Ottubru, 2004, li biha l-intimati eċċepew;

Illi l-esponent jifhem illi r-rikorrent għadda minn proċess illi permezz tiegħu huwa wettaq tibdil fil-persuna tiegħu b'tali mod illi anke biddel l-orjentazzjoni sesswali tiegħu.

Illi pero' r-rikorrent irid jifhem min-naħa tiegħu illi ċertifikat tat-twelid huwa dokument pubbliku illi permezz tiegħu l-Istat ikun qiegħed jirreġistra t-twelid ta' persuna ġdida bl-attributi li fil-fatt ikollha fil-mument li jinħareġ iċ-ċertifikat.

Illi għalhekk r-rikorrent ma jistax jippretendi li ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu jiġi korrett u dan meta fondamentalment iċ-ċertifikat għadu validu minkejja l-intervent mediku li ġarrab, u dan peress illi orjentament sesswali tal-persuna fil-mument li nħareġ iċ-ċertifikat għadu l-istess u jibqa' l-istess, ċioe' dak ta' raġel.

Ill jekk il-fatti kif reġistrati fil-mument tat-twelid tar-rikorrent jiġu mibdula biex jirriflettu r-realta' preżenti, l-esponent jisgħobbih josserva li ċ-ċertifikat tat-twelid jiġi li qed jiċċertifika xi ħaġa li mhix korretta.

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrent ma tistax titqies bħala sanċita mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, iżda anzi qed teżiġi li tiġi mwettqa azzjoni li mhux talli ma għandha ebda motivazzjoni ta' natura legali, talli tista titqies bħala li tikkostitwixxi alterazzjoni indebita ta' dokument ta' rilevanza pubblika.

[1] Paġġ. 6-7 tal-proċess

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrespinġi t-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra l-istess.

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta'Ottubru, 2004, li bih ħatret lill-kirurgu Professur Mark Brincat biex ifittex u jirrelata dwar iċ-ċirkostanzi msemmija fir-Rikors;

Rat ix-xhieda mressqa bil-mezz tal-affidavit mir-rikorrenti fl-20 ta' Ottubru, 2004[2];

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-Perit Mediku maħtur fl-24 ta' Novembru, 2004[3], u minnu maħlufa dak inhar waqt is-smigħ tal-kawża;

Semgħet ix-xhieda tal-istess Professur Mark Brincat fuq kweżiti magħmulin lilu mill-Qorti;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-24 ta' Novembru, 2004, li fih il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx iżjed provi xi jressqu, filwaqt li l-għaref difensur tar-rikorrenti talab li, b'żieda mat-talba magħmula minnu għad-divjet tal-pubblikazzjoni, il-Qorti tordna wkoll divjet ta' kull tagħrif relattiv għad-data tat-twelid u d-data tal-operazzjoni tal-"*gender reassignment*" imwettqa fuq ir-rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Novembru, 2004, li bih ordnat lir-rikorrenti tressaq nota ta' riferenzi jew ta' sottomissjonijiet dwar it-talba tagħha, u ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni li biha l-parti rikorrenti qegħda tgħid li qegħda ġġarrab ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem bil-fatt li (a) l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma laqax talba

[2] Paġġ. 14-6 tal-proċess
[3] Paġ. 18 tal-proċess

biex l-Att tat-Twelid tal-istess rikorrenti jiġi mibdul biex jirrifletti s-sess ("*gender*") miksub wara intervent kirurġiku li bih is-sess attwali tagħha ma baqax jaqbel mas-sess dikjarat fl-imsemmi Att tat-Twelid tagħha u (b) l-liġi Maltija ma taħsibx għall-ħtiġijiet ta' persuni transesswali u ma tagħrafhomx għall-finijiet u effetti kollha billi ma tagħtihomx id-drittijiet kollha li l-istess liġi tagħti lil persuni mwielda b'dak is-sess;

Illi għal din l-azzjoni l-intimati laqgħu billi qalu li ċ-Ċertifikat tat-Twelid jikkostitwixxi dokument pubbliku li jixhed fatt storiku dwar il-persuna li għaliha jirreferi, u l-bidla tiegħu tkun għamil li jissarraf f'dikjarazzjoni ta' xi ħaġa mhix korretta;

Illi l-fatti li jsawru l-każ la huma kumplikati u lanqas jidher li dwarhom hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet. Ma hemmx dubju li meta t-twelid tal-parti rikorrenti ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, it-tarbija ġiet dikjarata li kienet ta' sess maskil, kif fiżikament kienet tidher minn barra. Mid-dokument imressaq[4] ma jirriżultax min kienet il-persuna li talbet ir-reġistrazzjoni tat-Twelid u min kien għalhekk li ipprovda t-tagħrif dwar it-tarbija lill-uffiċjal inkarigat li mela l-istess Att tat-Twelid. Sa minn eta' bikrija, il-parti rikorrenti kienet bdiet tħoss ċerti ġibdiet u xaqlib lejn sess ("*gender*") differenti minn dak li kienet ġiet reġistrata bih fl-Att tat-Twelid, liema tendenzi baqgħu għaż-żmien kollu isiru aktar imqanqlin u konsistenti aktar ma beda jgerbeb iż-żmien. Dawn it-tendenzi iddeterminaw ukoll l-għamla ta' relazzjonijiet li l-parti rikorrenti jkollha ma' persuni ta' sess differenti;

Illi d-dehra esterna tal-parti rikorrenti wkoll ħolqot nuqqas ta' qbil bejn dik id-dehra u d-dokumenti uffiċjali maħruġa dwarha mill-awtoritajiet ċivili (bħalma huma l-passaport u l-karta tal-identita'), kull meta kien meħtieġ l-użu tagħhom. Dan in-nuqqas ta' qbil jidher li kien u għadu jesponi lill-parti rikorrenti għal imbarazz u mistħija fit-twettiq tal-attivitajiet tal-ħajja ċivili tagħha, sa l-aktar ħaġa li għal

[4] Dok "A", f'paġ. 3 tal-proċess

ħaddieħor hija għamil sempliċi u bla ebda konsekwenza bħalma huwa t-tisrif ta' *cheque* f'bank;

Illi f'xi żmien matul l-2004, sar intervent kirurġiku fuq il-parti rikorrenti barra minn Malta li permezz tiegħu seħħ proċess sħiħ ta' bidla ta' sess tagħha. Dan il-proċess irnexxa fis-sens li l-persuna saret fenotipikament mara b'organi ġenitali ta' mara u bil-possibilita' li taġixxi sesswalment bħala mara. Fuq kollox, jirriżulta[5] li l-imsemmi proċess huwa wieħed li ma jistax jitreġġa' lura;

Illi, madankollu, l-intervent kirurġiku biss ma solviex il-problemi tal-parti rikorrenti, għaliex għalkemm issa d-dehra tagħha hija dik ta' mara, għad baqa' l-problema li t-tagħrif muri dwarha fid-dokumenti uffiċjali ma jaqbel xejn mad-dehra tagħha.Il-preġudizzju mġarrab mir-rikorrenti għadu għalhekk wieħed attwali;

Illi għar-rigward tal-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-azzjoni attriċi</u> jingħad li dan huwa każ li bħalu u b'talbiet identiċi l-Qrati tagħna intalbu jagħtu l-fehma tagħhom fl-aħħar snin. It-talba tar-rikorrenti hija fis-sens li l-liġi ta' Malta ma tipprovdix għall-ħtiġijiet ta' persuni transsesswali u li dan in-nuqqas jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni fir-rigward ta' persuni bħal dawn. Minbarra dan, il-fatt li l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma laqax talba biex jagħmel bidliet fl-Att tat-Twelid tal-parti rikorrenti biex id-dehra ta' barra tagħha u t-tagħrif muri dwarha fl-istess Att ikunu jaqblu qiegħed ikun għajn ta' preġudizzju lill-istess rikorrenti fil-kuntatti ta' ħajja ċivili ta' kuljum ma' terzi persuni;

Illi din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tidħol f'ħafna kummenti u osservazzjonijiet dwar l-aspetti ġuridiċi tal-azzjoni preżenti jew biex tqis jekk it-talba hijiex mistħoqqa. Dan jingħad għaliex bosta deċiżjonijiet ta' l-aħħar żminijiet tal-ogħla Qorti Maltija f'vesti kostituzzjonali stabilew sensiela bla mittiefsa ta' dikjarazzjonijiet li kollha qiesu li persuna fiċ-ċirkostanzi tal-parti rikorrenti kienet qegħda ġġarrab tassew ksur tal-Artikolu 8 tal-

[5] Ara x-xhieda tal-Prof Mark Brincat 24.11.2004, f'paġġ. 20-1 tal-proċess

Konvenzjoni[6], billi l-imsemmi Artikolu ma jorbotx biss lill-Istat milli ma jindaħalx fl-għażla tal-għamla ta' ħajja personali u privata ta' persuna, imma **jobbliga lill-istess Stat biex attivament** jieħu miżuri li jiggarantixxu u jħarsu r-rispett lejn l-għażla ta' ħajja privata tal-persuna. Fuq kollox, l-istess sentenzi stabilew ukoll li kien meħtieġ li jingħata rimedju, anke jekk wieħed limitat u temporanju, biex tittaffa kemm jista' jkun il-qagħda mwegħra li sabu rwieħhom fiha persuni hekk milquta[7];

Illi, b'żieda ma' dan, jinsab stabilit ukoll[8] li persuna li tressaq azzjoni bħal din trid tissodisfa żewġ elementi, u jiġifieri (a) li l-każ tagħha huwa wieħed ġenwin, u li (b) l-bidliet li seħħew matul is-snin u bl-interventi kirurġiċi jkunu irriversibbli. Fil-każ preżenti, l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-parti rikorrenti seħħilha tissoddisfa l-imsemmija żewġ elementi. Min-naħa l-oħra, l-intimati ma ippruvaw bl-ebda mod jikkontestaw jew ixellfu l-provi mressqin mir-rikorrenti jew jitfgħu xi dubju dwar is-siwi ta' dak li l-istess provi juru;

Illi l-azzjoni meħuda mill-parti rikorrenti wkoll kienet meħtieġa, għaliex sallum ma kien jeżisti l-ebda rimedju ieħor għal persuna fil-qagħda tar-rikorrenti jekk mhux bil-ftuħ ta' kawża bħal din. Sa ċertu punt, l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma kellu l-ebda għażla għajr li jkun imħarrek f'kawża ta' din il-għamla biex, safejn l-azzjoni tirrigwarda l-Att tat-Twelid tal-parti attriċi, jimxi skond ma l-Qorti tiddeċiedi u tidderieġi;

Illi l-Qorti tinnota li sewwasew f'dawn l-aħħar jiem, il-Parlament Malti jidher li ħa passi biex, sa ċertu punt, tiġi indirizzata l-qagħda ta' persuni transsesswali billi għadda liġi li tistabilixxi rimedju ordinarju permezz ta' proċedura ġudizzjarja biex issir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid ta' persuna mhux miżżewġa u domiċiljata f'Malta relattivament għall-partikolaritajiet dwar is-sess tagħha[9].

---

[6] Ara, per eżempju, Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Avukat Ġenerali et***
[7] Ara, per eżempju, Kost. **9.10.2001** fil-kawża ***Gilford vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku***
[8] Ara, per eżempju, P.A. Kost. AJM **2.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Avukat Ġenerali et***
[9] L-Att XVIII tal-2004, mgħoddi mill-Parlament fis-Seduta tas-17 ta' Diċembru, 2004 (għadu ma ġiex fis-seħħ) li, fost l-oħrajn, joħloq proċedura ġdida bl-artikolu 257A tal-Kap 16

Proċedura oħra hija maħsuba fl-istess liġi dwar bdil fil-karta tal-identita' ta' persuna bħal din[10];

Illi dan l-iżvilupp jixhed kemm huma mistħoqqa azzjonijiet bħal dik li għandha quddiemha l-Qorti llum;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonjiet, il-Qorti tasal għall-fehma li t-talbiet tar-rikorrenti huma mistħoqqa u għandhom jintlaqgħu;

Illi jifdal li l-Qorti tipprovdi dwar it-talba tal-parti rikorrenti dwar id-divjet tal-pubblikazzjoni. Minkejja li l-Qorti stiednet lill-istess rikorrenti biex tressaq sottomissjonijiet dwar din it-talba, sallum ma saret l-ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward. Il-Qorti tqis li l-proċess ġudizzjarju huwa, min-natura tiegħu, wieħed pubbliku u l-pubbliċita' ta' tali proċeduri hija regola fondamentali li titnaqqar biss jekk hekk jiġi mod ieħor stabilit b'liġi espressament[11]. Il-prinċipju ta' smigħ fil-pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku huwa saħansitra jedd tal-persuna garantit taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, bħalma l-istess artikolu jipprovdi wkoll għall-jedd tal-għoti tas-sentenza pubblikament. Dan jgħodd kemm għal proċeduri ċivili kif ukoll dawk ta' għamla jew xejra kriminali. Irid jingħad li, madankollu, l-imsemmi artikolu jipprovdi għal ċerti restrizzjonijiet fl-interess tal-morali, l-ordni pubbliku, is-sigurta' nazzjonali jew meta l-interessi tal-minuri jew il-ħarsien tal-ħajja privata tal-partijiet hekk jeħtieġu;

Illi l-awturi l-aktar segwiti fil-qasam tad-drittijiet fundamentali huma tal-fehma li "*in contrast with the right to a public hearing, the right to have a judgement 'pronounced publicly' is not subject to any exceptions in the text of Article 6(1). In particular, the list of restrictions in the final sentence of Article 6(1) applies only to the hearing of the case*"[12]. Din is-silta timmilita kontra t-talba tar-rikorrenti biex din il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' dak li fadal mill-kawża, jiġifieri s-sentenza. Minbarra dan, ir-raġuni mogħtija mir-rikorrenti

---

[10] Art. 257D tal-Kap 16 (għadu ma ġiex fis-seħħ)
[11] P.A. **11.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Cutajar*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.616**)
[12] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights, paġ. 221

fir-rikors imressaq kontestwalment mar-Rikors promotur hija li l-pubblikazzjoni ta’ xi parti mill-proċeduri ta’ din il-kawża tikkostitwixxi ksur ieħor tal-jedd tagħha taħt l-Artikolu 8;

Illi l-Qorti, filwaqt li ma taqbilx mal-imsemmija sottomissjoni, tifhem il-preokkupazzjoni tar-rikorrenti li, safejn possibbli, ma jkunx hemm pubbliċita’ aktar milli meħtieġ tal-fatti jew ċirkostanzi partikolari jew dettalji li jistgħu jissarrfu f’indħil u preġudizzju lir-rikorrenti. Għalhekk, fil-waqt li qegħda tipprovdi dwar l-imsemmija talba għad-divjet tal-pubblikazzjoni billi tiċħad l-istess talba għaliex mhix mistħoqqa fid-dritt, qegħda tordna lir-Reġistratur li jiżgura li t-tagħrif li jista’ jidentifika lill-parti rikorrenti għandu jitħalla barra minn kull kopja tas-sentenza li tista’ tintalab minn terza persuna, u dan jgħodd ukoll għat-tqegħid jew tqassim ta’ din is-sentenza jew dettalji dwarha fuq mezzi elettroniċi jew siti tal-*internet*;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba** tar-rikorrenti billi tiddikjara li l-fatt li l-liġi Maltija ma tipprovdix għall-ħtiġijiet ta’ transesswali jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni fil-konfront tal-istess rikorrenti;

**Tipprovdi dwar it-tieni talba** billi tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tar-Rikorrenti li jġib in-numru progressiv (omissis), taħt l-intestatura “*Isem il-wild*” il-kelma “(omissis)” titneħħa u jitniżżlu minflokha l-kliem “(omissis)”, filwaqt li fil-kolonna intestata “*Sess*” il-kelma “*male*” tinbidel bil-kelma “*female*”, u qegħda tordna wkoll lill-istess intimat sabiex fl-imsemmi Att tat-Twelid jagħmel annotazzjoni biex jirreġistra li t-tibdil imsemmi qiegħed isir bis-saħħa ta’ din is-sentenza;

**Tordna li l-ispejjeż** tal-kawża jitħallsu mill-intimati solidalment bejniethom, għajr għall-ispejjeż u d-drittijiet tal-perit mediku li għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------